FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA)

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' MARZU 2001

Avviz Nru:- 730/97DM

David u Anna Portelli

vs

Grezzju Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mitejn u erba u sebghajn lira maltija u hamsa u hamsin centezmi (Lm274.55c) rapprezentanti danni li huma sofrew in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara tort tal-konvenut nhar it-13 ta' Frar 1997 ghal xi l-10am fi Triq Pietro Xuereb, Gwardamangia, il-konvenut kien qed isuq it-trukk numru JAE-113 li bih laqat il-karozza tal-atturi Lada numru L-3223 li kienet ipparkjata, u dana minhabba traskuragni, negligenza, u innosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi.

Bl-ispejjez komprizi Lm5 tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Marzu 1997, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi s-somma ta' (Lm274.55) mitejn u erbgha u sebghin lira maltin u hamsa u hamsin centezmi mhix dovuta mill-konvenut minhabba illi l-istess konvenut ma huwa responsabbli ghal ebda danni msemmija mill-attur.

2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kaz; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-atturi jsosstnu li l-vettura taghhom kienet giet danneggjata mill-konvenut waqt li din kienet ipparkeggjata fi Triq Pietro Zarb, Gwardamangia, fit-13 ta Frar 1997 u li waslu biex ghabbew lill-konvenut bir-responsabilita' minhabba nota imhollija minn xhud okulari li kien frustier u ma setghax jigi prodott bhala xhud billi lahaq siefer.

Minn-naha tieghu, il-konvenut, ghalkemm jammetti li kien fil-hin approssimattiv qed isuq mit-triq fejn kienet ipparkeggjata il-vettura ddaneggjata tal-atturi, u li l-vettura kienet tieghu kellha n-numru indikat mix-xhud okulari u kienet tal-kulur u ghamla kif deskritti, jichad li kien laqat il-vettura tal-atturi.

Mid-deposizzjoni ta PS489 George Attard jirrizulta li, ghalkemm ma setghax jirriskontra xi marka partikolari fuq it-truck tal-konvenut, indikativa ta xi habta recenti u ghalkemm ma ghamel ebda paraguni bejn il-vetturi biex jistabilixxi konkluzivament il-kuntatt bejn il-vetturi, t-truck tal-konvenut kien fil-fatt mizbugh b'zebgha blu simili ghal dik imhollija mal-vettura tal-atturi u kellhu ukoll diversi cappetti tal-hadid sporguti fuq il-gnub fil-livell tal-hsara fil-vettura tal-atturi.

Dawn l-indizji kollha huma izjed minn sufficjenti biex iwasslu ghall-akkoljiment tat-talba attrici u ghar-responsabilita' tal-konvenut li, huwa apprezzat, seta lanqas ma kien cert li kkawza l-hsara.

Dwar id-danni rizultanti, d-deposizzjoni tal-attur u d-dokumenti minnhu esibiti jippruvaw l-ammont komplessiv ta LM274.55 mitlub.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u erba u sebghajn lira maltija u hamsa u hamsin centezmi (Lm274.55c) rapprezentanti danni li huma sofrew in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara tort tal-konvenut nhar it-13 ta' Frar 1997 ghal xi l-10am fi Triq Pietro Xuereb, Gwardamangia, meta l-konvenut kien qed isuq it-trukk numru JAE-113 u bih laqat il-karozza tal-atturi Lada numru L-3223 li kienet ipparkeggjata, u dana minhabba traskuragni, negligenza, u innosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi.

Bl-imghax legali b'effett mill-21 ta April 1997.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

.................................................

Magt Dr D Montebello B A  LLD

S. Farrugia

Dep/Reg

civil 14